**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2023**

**<u>Rikors nru: 350/2023 AGV ;</u>**

**Dr RZ**

**vs**

**DZ**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dr RZ detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 246088M, datat 20 ta' Gunju 2023**

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi r-rikorrent u l-intimata minn dan iż-żwieġ kellhom tifel wieħed (1) ossia, RZ li twieled fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ċertifikati tat-twelid hawn anness u mmarkati bħala 'Dok B';

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar it-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja li jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok Ċ';

4. Illi fil-kuntratt surreferit, il-partijiet iddikjaraw li ilhom *de facto* separati minn nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020);

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi l-intimata tirċievi mingħand ir-rikorrent il-manteniment adegwat għall-iben minuri RZ fl-ammont t'elf ewro (EUR 1,000) pagabbli fl-ewwel (1) ġurnata ta' kull xahar bil-quddiem;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment u bir-rispett jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-Risposta** tal-intimata DF Z

**Tesponi reverentement u bil-gurament taghha tikkonferma;-**

1. Illi primarjament l-esponenti tirrileva illi isimha shih huwa **DFZ** u mhux DZ kif anke jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors promotur. Ghalhekk ghandu jsir korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri;

2. Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jezistu l-elementi mahsuba fid-

dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta‘ Malta kif senjalat mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu.

**3.** Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet, anness mar-rikors promotur, (artikolu 43) l-esponenti kienet iddikjarat illi hija kienet ser izomm kunjomha mizzewgha “Z”. Illi l-esponenti trid issa illi mall-hall taz-zwieg taghha hija tirriverti ghal kunjom ta’ meta twieldet u cioe, “S”.

**4.** Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli tal-Kodici Civili 66D u 62 tal-Kodici Civili, **tawtorizza lill-esponenti tirreverti ghal kunjom ta’ meta twieldet cioe, “S”.**

**5.** Illi l-esponenti ma ghandhix pero tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri peress illi t-talba odjerna giet promossa mir-rikorrent u ghandhom jigu mhallsa minnhu.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 30 ta’ Gunju 2017.**

Il-Qorti tawtorizza lil DZ , biex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe ‘S’

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**